KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 426 (8-54)

It-Tnejn 12 ta’ Settembru 2022 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**426.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**426.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace.

**426.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**426.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 425. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**426.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**426.2.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li taħt item 425.15 hija reġgħet semmiet it-talba għal mera parabolika quddiem iċ-ċentru Santissima Trinita.

**426.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**426.3.1** Is-Sindku qal li kien irċieva proposta minn Kunsillieri mill-Kunsill ta' Ħaż Żebbuġ biex il-lokalita' tas-Siġġiewi tissieħeb fil-proġett 'Żernieq', fejn toroq prinċipali jingħalqu għal ċertu sigħat bikrin nhar ta' Ħadd biex isir sewqan bir-roti. Huwa qal li din l-attivita' kisbet il-popolarita' u ħafna nies ikunu qed jistennewha. U allura qed jipropona lokalitajiet ġirien biex l-attivita' tikber. Huwa qal li ġiet proposta Triq il-Mitjar ta' San Niklaw. Ovvjament hemm bżonn permessi u li tingħalaq it-triq għat-traffiku f'dan il-ħinijiet minħabba sigurta'. L-ispejjeż ikunu ta' madwar tlett mija fix-xahar. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva tinvolvi impenn individwali ta' riżorsi umani u għalhekk hemm bżonn kollaborazzjoni mill-Kunsilliera biex tali inizjattiva tiġi attwata. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-kunċett u qabel li tiġi diskussa iktar 'il quddiem minħabba l-committments li tinvolvi.

**426.3.2** Is-Sindku ta aġġornament fuq xogħolijiet fi Triq l-Imdina minn Infrastructure Malta. Hu qal fl-aħħar jiem tpoġġew sinjali u allura jindika li x-xogħolijiet tal-wiċċ huma imminenti. Is-Sindku qal li qed jinsisti ma' Infrastructure Malta biex jitkompla l-proċess ta' Triq Annabel Vassallo u Triq l-Imqabba u xogħolijiet oħra pendenti.

**426.3.3** Is-Sindku qal li avviċinawħ membru tal-grupp tal-Armar li ser itellgħu wirja ta' karozzi nhar is-16 t'Ottubru 2022 fi Pjazza San Nikola. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi proċessat il-permess neċessarju u l-arranġamenti loġistiċi.

**426.3.4** Is-Sindku informa li ġew imnedija numru ta' korsijiet fiċ-Ċentru Ċiviku fl-iskeda tax-xitwa minn Ottubru, inkluż xi sezzjonijiet tal-lifelong learning. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera Francine Farrugia tal-koordinament u talab biex issir promozzjoni biex ir-residenti jkunu jafu x'korsijiet qed jiġu offruti.

**426.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**426.5** **Użu tas-Sala taċ-Ċentru Ċiviku**

**426.5.1** Is-Sindku rrefera għal talba minn skola taż-żfin biex jagħmlu lezzjonijiet fis-sala taċ-ċentru ċiviku. Huwa qal li s-sala tintuża mill-għaqdiet tal-lokal mingħajr ħlas, iżda jiproponi li meta u jekk tintuża mill-privat għandu jkun hemm xi tip ta' ħlas anka minħabba spejjeż ta' tindif, ftuħ u għeluq eċċ. Is-Sindku propona li jsir draft ta' bye-law għal kiri tas-sala biex tiġi diskussa mill-Kunsill b'numru ta' kundizzjonijiet. Wara li ddiskuta l-Kunsill unanimament qabel li jitħejja draft ta' bye-law. Qabel ukoll li din ma tkunx tapplika għall-għaqdiet.

**426.6** **Preparamenti għal Festa Għeneb 2022**

**426.6.1** Is-Sindku qal li fadal l-aħħar preparament għall-attivita' ta' festa għeneb. Għada ħa ssir laqgħa mal-Pulizija għall-koordinament ta' clearance ta' karozzi mill-Pjazza u għeluq tat-toroq. Hu qal li l-pjazza ser tingħalaq għat-traffiku mis-Sibt biex jibda l-armar miz-zuntier 'l isfel. Is-Sindku qal li attivita' bħal din tinħtieġ ħafna xogħol u ħeġġeġ lill-kunsilliera jagħtu l-kontribut tagħhom. Huwa qal li kien hemm bosta donaturi ta' prodotti agrikoli li taw frott u ħxejjex biex jinbiegħ mill-istand tad-Dar tal-Providenza.

**426.7** **Attivita' Clean Up The World Campaign 2022**

**426.7.1** Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni sottomessa għal skema SPI.SCI.07.2022 Clean up the world campaign 2022. Huwa qal li ġiet approvata s-somma ta' €3000 li ser tintuża għal xiri ta' kontenituri tal-iskart, tabelli biex ma jsirx ħruq u tinżamm l-indafa li jeħlu mat-triq ta' Għar Lapsi fuq ix-xagħri u tindif tal-wied ta' Brija u Għajn il-Kbira bl-inġenji.

**426.7.2** Is-Sindku infurma li ser jeħlu sitt ashtrays f'Għar Lapsi mogħtija mid-Dipartiment tal-Cleansing.

**426.8** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**426.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**426.8.2** Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjonijiet PA/02935/22 u PA/02122/22 dwar żvilupp massiv fi Triq Nicolo Baldacchino ħdejn iċ-ċentru Santissima Trinita. Hu qal li ħmien ilu, l-Kunsill kien għamel sottomissjoni fuq din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel unnaimament li jiġi konsultat il-Perit tal-Kunsill u jekk hemm bżonn issir sottomissjoni fuq l-istess bażi. Din għandha ssir sal-14 ta' Settembru 2022.

**426.9** **Rapport tal-Korrispondenza**

**429.9.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**426.9.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba mir-Reġjun Punent għal sejħa ta' interess għal proġett ta' Twinning f' Nikopol, il-Bulgaria bejn it-3 u t-8 t'Ottubru 2022. Is-Sejħa ħarġet fuq bażi reġjonali. Is-suġġett diskuss ser ikun "the future of Europe, how to face it and how to fight Euroscepticism". Hija qalet li l-Kunsillier Gillian Farrugia Pace kienet uriet interess li tattendi u b'dan ġie infurmat ir-Reġjun. L-ispejjeż tal-flight biss jitħallsu mill-Kunsill. Spejjeż oħra huma kollha koperti minn fondi Ewropej. Il-Kunsill unanimament qabel.

**426.10** **Rapport tal-ilmenti**

**426.10.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**426.11** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**426.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**426.12** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**426.12.1** Il-Viċi Sindku infurmat li għall-okkazjoni ta' halloween ser tniedu 'pumpkin carving event' u anka attivita' 'trick or treat' għat-tfal. Hija qalet li qed tipjana wkoll festin tat-tfal fiċ-ċentru ċiviku, kompetizzjoni tal-isbaħ kostum, kif ukoll jintwera film. F'dawn l-attivitajiet ser issir ġabra ta' ikel biex eventwalment jitqassam lill-familji lokali fil-bżonn. Id-data proposta hija l-31 t'Ottubru 2022.

**426.12.2** Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li b'koordinament mal-iskola ser issir ġabra ta' ikel tal-qtates li jitqassam lill-feeders tal-lokal.

**426.12.3** Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li kif informa s-Sindku qabel, ġew imnedija numru ta' korsijiet, li huma miftuħin għal bookings. Qalet li qed tikkoordina mal-amministrazzjoni ħalli jekk possibbli jiġu inklużi iktar sezzjonijiet.

**426.12.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li ser tiġi imnedija kompetizzjoni għat-tfal fl-okkazjoni tal-festa ta' San Nikola tax-Xitwa, kif ukoll infurmat li qed tikkoordina ma' Aġenzija Żagħżagħ għal proġett ta' murals li kellu jsir qabel iżda kien ġie pospost.

**426.12.5** Il-Kunsillier Francine farrugia qalet li minn statistika jirriżulta li mis-sena l-oħra, is-self tal-kotba mill-librerija tal-lokal żdied drastikament. Qalet li din hija ħaġa pożittiva mmens u ssuġġerit li minkejja li ma hemm l-ebda skema tal-libreriji, l-Kunsill xorta jixtri numru ta' kotba ġodda biex inkomplu nħajru l-qari. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mill-aħħar korrispondenza qed jitħejja ftehim bejn il-Kunsilli u l-Libreriji Pubbliċi li s'issa għad mhemmx informazzjoni. Il-kunsillier Francine Farrugia proponiet li tinġieb stima għal xiri ta' kotba, somma massimu ta' €500. Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw il-kotba. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet ukoll li hemm bżonn ukoll manutenzjoni tal-bieb ta' barra peress li qed jidħol l-ilma u ser tkellem lid-Dipartiment tal-libreriji għal manutenzjoni meħtieġa.

**426.12.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm ħsara fil-ħbula u fit-tarag ta' fuq il-blat f'Għar Lapsi in-naħa ta' Għereq Miżun u qegħdin ta' periklu. Hija qalet ukoll li m'għadx hemm sinjal 'slippery' fir-rampa għal baħar u infurmata li weġġgħu diversi nies.

**426.12.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm bżonn traffic calming measure fit-triq tar-Remel minħabba sewqan eċċessiv. Il-Kunsillier Adrian Farrugia semma wkoll it-triq tas-saqqajja lejn San Blas bl-istess problema.

**426.12.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li haw diversi inħawi fiż-żona rurali fejn hemm bżonn tindif u qtugħ ta' ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur il-ġdid tan-non urban ser jibda jopera mill-1 t'Ottubru. Hija talbet lill-Kunsilliera biex jekk hemm ilmenti jgħaddu d-dettalji lill-amministrazzjoni ħalli jiġu inklużi fil-lista tax-xogħolijiet.

**426.12.9** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li hemm bżonn jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli tal-one ways fi Triq San Nikola ħdejn il-Ferdinand Bar u ħdejn Ta' Peppa Bazaar.

**426.13** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 17 t' Ottubru 2022 fis-6.30 ta' filgħaxija.  Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 17 t'Ottubru 2022

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |